# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Jannar 2017**

**Kawza Numru : 15**
**Rikors Guramentat Numru : 1111/2015/LSO**

**Michael Kyprianou (Malta) Limited (C-60709)**

**vs**

**Medical Health Management & Consulting Limited (C-67804)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ David Meli detentur ta' karta ta' l-identita` numru 253583(M) (nom u in rapprezentanza tas-socjeta` attrici Michael Kyprianou (Malta) Limited datat 24 ta’ Novembru 2015 fejn espona: -

Illi s-socjeta` attrici giet ingaggata mis-socjeta` intimata sabiex jsir in-negozjar tal-bejgh ta' l-isptar bl-isem St James Capua hekk kif jirrizulta mill-ittra ta' ingaggament hawn annessa u mmarkat bhala Dok A;

Illi fl-imsemmi ftehim gie anness *Terms and Conditions of Business* li jispecifika x'jigri jekk l-isptar imsemmi ma jigix mibjugh, fil-fatt klawsola 3 tistipola s-segwenti:

*"In the eventuality that final deed of purchase is not signed MK shall be reimbursed at an hourly rate to be decided by both Parties.*

*MK reserves the right to charge interest on any overdue amounts at the highest rate permitted by Maltese Law."*

Illi l-partijiet ftehmu fuq rata ta' mitt ewro (€100) is-siegha tul il-kors tan-negozjar li kien qieghed jsir ma’ terzi persuni;

Illi l-bejgh tal-imsemmi sptar ma giex konkluz u ghalhekk is-socjeta` attrici harget fattura fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' April 2015 ghas-somma ta' disgha u tletin elf, tmienja u hamsin ewro (€39,058), li qiedgha tigi annessa u mmarkata bhala Dok B;

Illi s-socjeta` konvenuta hija ghalhekk debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' disgha u tletin elf u tmienja u hamsin ewro (€39,058);

Illi l-imsemmi ammont ta' disgha u tletin elf u tmienja u hamsin ewro (€39,058), huwa dejn cert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-ezekuzzjoni ta' xi fatt, mill-entita` konvenuta lis-socjeta` attrici u ghalhekk fil-fehma tas-socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12, tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma ta' l-istess attrici, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont;

Illi ghalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa' ma thallasx mill-entita` konvenuta u ghalhekk kellha issir din il-kawza;

Tghid ghalhekk l-entita` konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Taqta' l-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal- Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Medical Health Management & Consulting Limited hija debitrici tas-socjeta` attrici ghas-somma ta' disgha u tletin elf u tmienja u hamsin ewro (€39,058), rapprezentanti servizzi provduti lill-istess socjeta`;

3. Tikkundanna lill-entita konvenuta Medical Health Management & Consulting Limited sabiex thallas lis-socjeta` attrici Michael Kyprianou (Malta) Limited is-somma ta' disgha u tletin elf u tmienja u hamsin ewro (€39,058), ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati;

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-16 ta' Dicembru 2015 (fol 10).

Rat illi minkejja li s-socjeta` intimata giet notifikata bl-affissjoni fit-8 ta' Marzu 2016 baqaghet ma pprezentat l-ebda risposta, u dan kif jidher a fol 37 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presejduta inkluz dak tal-14 ta' Lulju 2016 (fol 45) fejn l-istess Qorti kif diversament presejduta filwaqt li rreferiet ghall-gurament tar-rikors promotur irrilevat illi *in vista* tal-artikolu 734 tal-Kap 12 astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-istess *stante* illi hemm konsangwinita` mill-qrib mal-istess persuna hemm indikata li hadet il-gurament li permezz tieghu tikkonferma l-fatt tal-kawza. Ordnat illi l-atti jintbaghtu ghand ir-Regsitratur tal-Qrati sabiex jiehu konjizzjoni tal-istess.

Rat is-sorruga moghtija mill-Prim Mhallef datata 25 ta' Lulju 2016 u imwahhla fis-26 ta' Lulju 2016, a fol 46 tal-process,

fejn il-kawza giet assenjata biex tinstema' mill-Onorevoli Mhallef Lorraine Schembri Orland.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif hekk illum presjeduta (fol 47) fejn il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-6 ta' Ottubru 2016 fid- 9:30am.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2016 mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti kienet infurmata li Dr Joseph Mizzi jinsab indispost u talab differiment. Il-Qorti innotat li s-socjeta` rikorrenti kienet ghadha ma haditx passi biex tinnotifika lill-kontro parti bl-appuntament minkejja t-trapass ta' diversi xhur. Il-Qorti ghalhekk halliet il-kawza *Sine Die.*

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici datat 11 ta' Ottubru a fol 52 tal-process fejn l-esponenti talbet lill-Qorti tappunta r-rikors citat ghas-smigh *stante* li s-socjeta` esponenti ghandha interess f'din l-kawza; u l-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat din il-kawza ghas-smigh ghall-15 ta' Novembru 2016 fid-9:30am., u dan kif jidher bid-digriet moghti fit-13 ta' Ottubru 2016 (fol 53).

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru 2016 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tas-socjeta` intimata ghat-12 ta' Jannar 2017 fid-9:30am; u rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Joseph Mizzi ghas-socjeta` attrici li prezenta nota. Xehed

bil-gurament tieghu David Meli, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika.

Il-Qorti rat li l-proceduri ta' affissjoni u pubblikazzjoni gew kompletati u li r-rapprezentant tas-socjeta` intimata ma deherx biex jikkontesta t-talbiet; ghaldaqstant wara li semghet il-konferma tar-rikorrent *nomine*, tilqa' t-talbiet kif dedotti, fit-termini tal-Art 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat.

L-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mis-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**12 ta' Jannar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Jannar 2017**